MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 1635/2000/1

**Avviz Nru 1635/00 DM**

**Catherine Abela**

**vs**

**Maria Healey**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attrici talbet li l-Qorti
1 tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku tal-15 ta' Gunju 1999, fi triq Abela Scolaro, Hamrun bejn il-vettura tat-tip Volvo bin-numru ta' registrazzjoni ACY-950, propjeta tal-attrici u l-vettura tat-tip Maruti bin-numru tar-registrazzjoni HAP – 345 misjuqa mill-konvenuta u ghad-danni sofferti mill-attrici fl-imsemmi incident;

2 tillikwida d-danni sofferti mill-attrici fl-imsemmi incident, liema danni ma jeccedux l-kompetenza ta' dina l-Qorti, occorendo bin-nomina ta' periti nominandi;
3 tikkundana lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma likwidata in linja ta' danni kagunati fil-vettura propjeta tal-attrici fl-incident awtomobilistiku tal-15 ta' Gunju 1999, fi Triq Abela Scolaro, Hamrun bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-prezentata tal-Avviz.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' l-20 ta' Ottubru 1999 u ta' ittra ufficjali ohra prezentata kontestwalment mal-presentata tal-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Maria Healey fejn eccepiet illi:-

1 hija ma kienet bl-ebda mod responsabbli ghall-incident stradali msemmmi fl-Avviz premessi stante li ghall-habta de quo kien unikament responsabbli s-sewwieq ta' ACY 950;
2 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-26 ta' Lulju 2001 fejn id-difensur tal-konvenuta iddikjara illi mhiex qed jikkontesta l-ammont ta' danni li gie llikwidati mid-difensuri tal-kontendenti fis-somma ta' Lm465.75.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi m'hemmx kontestazzjoni bejn il-kontendenti dwar il-fatti w ic-cirkostanzi illi waslu ghall-kollizzjoni in kwistjoni.

Infatti jirrizulta illi fil-gurnata in kwistjoni ossia fil-15 ta' Gunju 1999 il-vettura, ossia bus, propjeta tal-attrici Catherine Abela u li kienet dak in-nhar misjuqa minn Raymond Spiteri, kienet giet ipparkeggjata fit-Triq Abela Scolaro Hamrun izda minhabba illi kien hemm xi sigar fuq in-naha tax-xellug tal-istess bus, Spiteri ma kienx ipparkegga din il-bus ezatament mal-bankina fuq ix-xellug tieghu izda kien halla spazju konsiderevoli bejn il-bankina fuq ix-xellug tieghu u l-bus. Din id-distanza tidher indikata fl-isketch esibit bhala dokument JC2 ( a fol 28 tal-process).

Mill-istess sketch jirrizulta wkoll illi fuq in-naha tal-lemin tal-bus kien hemm spazju bizzejjed sabiex jistghu jghaddu vetturi provenjenti mid-direzzjoni opposta u anke biex jghaddu vetturi li setghu gejjin minn wara l-bus li kien ipparkeggjat.

Waqt illi kien hekk wieqaf dan il-bus, giet il-vettura misjuqa mill-konvenuta minn wara dan il-bus u billi sabet il-bus ipparkeggjat f'nofs il-kareggjata taghha, u billi kien hemm spazju bizzejjed fuq ix-xellug ta' dan il-bus ghazlet illi tissorpassa l-bus ipparkeggjat minn fuq in-naha tax-xellug u mhux minn fuq in-naha tal-lemin. Il-konvenuta tistqarr illi ghamlet dan peress illi hasset illi kienet manuvra iktar prudenti illi taghddi min fuq ix-xellug stante illi mid-direzzjoni opposta kienu gejjin xi vetturi.

Il-partijiet jaqblu wkoll illi waqt illi l-konvenuta kienet qed tissorpassa l-bus min fuq in-naha tax-xellug, is-sewwieq tal-bus Raymond Spiteri, beda jiccaqlaq il-quddiem u ried idur fuq ix-xellug tieghu u ghalhekk irrestringa l-ispazju fuq ix-xellug bil-konsegwenza li saret il-habta mal-vettura ta' Healey li kienet qieghed tinsaq fl-istess direzzjoni.

Il-Qorti ghalhekk trid tikkonstata x'nuqqasijiet jistghu jigu attribwiti li xi wiehed jew wahda mis-sewwieqa jew lit-tnejn.

Min-naha tal-konvenuta Maria Healey jirrizulta indubbjament illi meta hi ghazlet illi tissorpassa vettura pparkeggjata min fuq in-naha tax-xellug taghha dana jmur

kontra r-regolamenti tat-traffiku li jipprovdu illi s-sorpass ta' vettura fl-istess karreggjata ghandhu jsir minn fuq in-naha tal-lemin taghha. Ghalhekk hija assumiet fuqha r-responsabbilta' ta' dak kollu li setgha jissucedi minhabba l-manuvra azzardata taghha.

Ma huwiex skusanti l-fatt illi setghu kienu provenjenti vetturi mid-direzzjoni opposta billi sewwieq prudenti iffaccjat b'din ic-cirkostanza ma kellux jghazel illi jissorpassa min –naha tax-xellug izda dejjem kien obbligat illi jistenna sakemm il-karreggjata tieghu tkun libera mit-traffiku u jissorpassa bil-mod provdut mir-regolamenti tat-traffiku.

Izda jirrizulta wkoll illi kontra dak li jipprovdi r-regolamenti tat-traffiku, s-sewwieq tal-bus tal-attrici ma kienx ipparkeggja l-vettura misjuqa minnhu max-xellug estrem tat-triq. Dan ghazel illi ihalli din il-vettura pparkeggjata f'nofs il-karreggjata biex b'hekk ostakola t-traffiku illi kien gej minn warajh u ried imur fl-istess direzzjoni tieghu.

Raymond Spiteri, is-sewwieq tal-bus, pprova jiggustifika dan in-nuqqas tieghu billi jallega illi xi sigar kienu fuq in-naha tax-xellug tieghu kienu qieghdin jipprekluduh milli jersaq vicin tal-bankina. Anke jekk fil-fatt kienet qieghed tirrizulta din ic-cirkostanza l-ebda sewwieq mhu gustifikat li jikkrea ostakolu ghat-traffiku ghax hu jkun sab ostaklu iehor ghalih. Sewwieq prudenti kellu iffittex post alternattiv fejn jipparkeggja jekk il-post minnhu maghzul kien ostakolat anke b'xi sigar.

Inoltre l-istess Raymond Spiteri kellu, qabel ma jibda jiccaqlaq minn fejn kien ipparkeggjat, stante li jaf illi kien qieghed jimblokka karreggjata u kien halla spazju konsiderevoli fuq ix-xellug tieghu, jesplora z-zewg nahat tal-bus tieghu ghal kwalunkwe traffiku illi setgha jkun gej minn warajh.

Huwa veru illi ghalkemm kien rikjest minnhu li jesplora wkoll fuq ix-xellug tieghu il-prezenza tat-traffiku fuq dik in-naha, ma kellix tkun aspettata.

Minn dan ghalhekk jirrizulta illi z-zewg sewwieqa kienu kkommettew infrazzjonijiet ta’ regolamenti tat-traffiku, izda bl-infrazzjoni ta’ Maria Healey l-iktar wahda gravi u li ghalkemm ipprovokata minn infrazzjoni ta’ Raymond Spiteri  kienet fil-fatt dik illi kienet il-kawza prossima tal-kollizzjoni.

Ghaldaqstant issib illi l-konvenuta hija effettivament responsabbli ghall-kollizzjoni in kwistjoni izda mhux unikament u l-Qorti tistabbilixxi grad ta’ responsabbilta’ ta’ zewg terzi (2/3).

Ghaldaqstant il-konvenuta trid tghamel tajjeb ghal zewg terzi (2/3) mid-danni illi sofriet l-attrici Catherine Abela il-proprjetarja tal-bus misjuqa minn Raymond Spiteri.

Billi d-danni totali gew illikwidati bonarjament bejn il-kontendenti fis-somma ta’ Lm465.75 (erba’ mija u hamsa u sittin liri Maltin u hamsa u sebghin centezmi) il-konvenuta ghandha thallas lill-attrici zewg terzi (2/3) ta’ din is-somma ekwivalenti ghal Lm310.50 (tlett mija u ghaxar liri Maltin u hamsin centezmi).

Ghal dawn il-motivi tilqa  t-talbiet attrici limitatament billi tiddikkjara  illi l-konvenuta kienet responsabbli  fi grad ta’ zewg terzi (2/3) ghall-incident awtomobilistiku tal-15 ta’ Gunju 1999 fi Triq Abela Scolaro, Hamrun, tillikwida d-danni  sofferti mill-attrici fis-somma ta’ Lm465.75 (erba’ mija u hamsa u sittin liri Maltin u hamsa u sebghin centezmi) u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attrici zewg terzi (2/3) tad-danni likwidati fis-somma ta’ Lm310.50 (tlett mija u ghaxar liri Maltin u hamsin centezmi) bl-imghaxijiet legali mill-25 ta’ Novembru 2000.

Bl-ispejjez jithallsu in kwantu ghal terz (1/3) mill-attrici u zewg terzi mill-konvenuta (2/3).

Magt Dr D. Montebello BA LLD

S. Farrugia
Dep Reg Civ48